MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-3 ta' Lulju, 2008

Talba Numru. 745/2007

**John Pullicino I.D. 538759(M) u b'digriet tat-30 ta' Jannar, 2008**
**intalbet zieda ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjetà**
**Golden Harvest Manufacturing Company Limited (C-176)**

**Vs**

**Stephanie Briffa**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-Talba li biha s-socjetà attrici talbet li l-konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' tliet mitt Lira Maltin (Lm300) li huma ekwivalenti ghal sitt mija u tmienja u disghin Euro u wiehed u tmenin centezmu (€698.81) li hija dovuta lill-attur bhala prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenuta. Bl-ispejjez

komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 11 ta' Lulju, 2005 u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuta.

Ra r-risposta tal-konvenuta li biha wiegbet li mhijiex il-legittimu kontradittur u dan stante li hi qatt ma nnegozjat xi tip ta' transazzjoni mal-attur u ghalhekk m'hemm l-ebda relazzjoni guridika bejn l-attur u l-konvenuta. Illi in oltre, it-talbiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema' x-xhieda ta' John Pullicino u Stephanie Briffa.

Ra d-dokumenti esebiti u sema' t-trattazzjoni ta' Dr Veronica Aquilina ghall-attur u Dr Adrian Camilleri ghall-konvenuta.

**Ikkonsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-konvenuta kienet mizzewga ma' Jason Briffa. Fl-2001 sar kuntratt ta' separazzjoni tal-beni u fl-2002 l-konvenuta hadet l-lokazzjoni tal-hanut li jismu 'Desert Rose' li kien jinsab Bugibba u l-VAT registration kien fuq ismha. Ix-xiri li kien hemm bzonn ghall-affarijiet tal-hanut kienu jsiru minn zewgha Jason Briffa pero' hi kienet tiehu hsieb l-hlasijiet. Ma jirrizultax li s-socjetà attrici giet infurmata bil-kuntratt ta' separazzjoni tal-beni hlief wara li giet isititwita l-kawza odjerna.

Gara illi tela' kont mal-Golden Harvest Manufacturing Company Limited u dan il-kont ma thallasx. John Pullicino li kien jiehu hsieb kemm l-bejgh kif ukoll il-gbir tal-flus, kien ikkuntattja lil Jason Briffa u Jason Briffa kien konsistement ighidlu illi ghar-rigward ta' hlasijiet dawn kienet tiehu hsiebhom il-mara tieghu, cioe' il-konvenuta Stephanie Briffa. Fost okkazzjonijiet ohra, mar ghall-flus u Jason Briffa cempel lill-konvenuta u din nizlet u dak il-hin iffirmatlu erba' cekkijiet u tatu d-differenza fi flus kontanti biex b'hekk presumibilment kellu jigi saldat l-kont. Wiehed mic-cekkijiet gie imsarraf izda t-tliet cekkijiet l-ohra, cioe'

dawk bid-data tat-30 t'Awissu, Settembru u Ottubru li komplessivament jammontaw ghal sitt mija u tmienja u disghin Euro u wiehed u tmenin centezmu (€698.81) - (Lm300) ma gewx imsarrfa. It-tliet cekkijiet huma mahruga fuq kont ta' Stefanie Briffa account Desert Rose u t-Tribunal huwa konvint illi dawn it-tlieta huma iffirmati proprju mill-konvenuta Stephanie Briffa ghalkemm fix-xhieda taghha l-istess konvenuta Briffa ipprovat tghid li ma kinitx daqshekk certa.

It-Tribunal jemmen dak li afferma John Pullicino illi c-cekkijiet gew miktubin u ffirmati fil-presenza tieghu mill-istess konvenuta.

F'dawn il-proceduri gie esebit kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Robert John Muscat tal-14 ta' Marzu, 2001 konsistenti f'kuntratt ta' separazzjoni tal-beni bejn il-konjugi Briffa. In oltre, it-Tribunal ha konjizzjoni tas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Jannar, 2008 fl-ismijiet 'Dentrade Company Limited vs Jason u Stefania konjugi Briffa'.

Mill-provi ma jirrizultax illi l-konvenuta u Jason Briffa qatt infurmaw lis-socjet attrici li bejniethom kien jopera r-regime tas-separazzjoni tal-beni u f'dan ir-rigward is-socjetà attrici kienet tkun gustifikata li tassumi illi bejn il-konjugi Briffa kien hemm ezistenti r-regime tal-komunjoni tal-akkwisti u konsegwentement galadarba, l-konvenuti kienu telqu minn dan ir-regime kienu fl-obbligu taghhom biex jinformaw lis-socjetà attrici li tali regime tal-komunjoni tal-akkwisti ma kienx jopera fil-konfront taghhom.

Fuq daqshekk biss ikun bizzejjed biex dan it-Tribunal jikkonkludi li l-konvenuta m'ghandhiex tigi mehlusa ghall-kollox mil-hlas ta' l-ammont mitlub mis-socjetà attrici.

Izda mhux daqshekk biss, izda dan it-Tribunal jidhirlu li hemm ragunijiet ohrajn li jimmilitaw kontra l-istess konvenuta.

Mill-provi prodotti jirrizulta illi l-hanut in kwistjoni kien mikri lill-konvenuta u hi kienet halliet lil Jason Briffa biex imexxih izda jidher car illi ghalkemm Jason Briffa kien

awtorizzat li jixtri l-affarijiet u jbieghhom lin-nies, f'dak li jirrigwarda hlasijiet tal-merkanzija mixtrija ghall-hanut, dawn il-hlasijiet kienet tiehu hsiebhom il-konvenuta.

In oltre, galadarba l-konvenuta ffirmat it-tliet cekkijiet fuq imsemmija u ma gew prodotti l-ebda provi li b'xi mod jindikaw li l-kunsens taghha meta firmat c-cekkijiet kien b'xi mod vizzjat, l-iffirmar tal-istess cekkijiet huwa ekwivalenti ghall-promessa ta' hlas li jsahhah l-konkluzzjoni ta' dan it-Tribunal illi effettivament il-konvenuta ghandha tigi misjuba responsabbli, almenu in parti, ghall-hlasijiet tal-merkanzija mixtrija fil-hanut billi jidher car illi dan kien l-arrangament li kien hemm bejnha u bejn l-allura zewgha Jason Briffa. Altrimenti ma kienx jaghmel sens, kieku verament il-konvenuta ma kellhiex interess jew responsabbilta fir-rigward tal-merkanzija, li taccetta li taghmel il-hlasijiet tad-dejn relattiv.

It-Tribunal huwa tal-fehma illi f'dan il-kaz jirrizulta provat illi l-konvenuta u l-allura zewgha huma t-tnejn responabbli ghall-hlas tal-merkanzija li giet mixtrija mill-hanut.

Jidher car, kif gie affermat fis-sentenza fuq citata, illi nonostante l-allegata separazzjoni tal-beni, il-konvenuta "komplit tinvolvi ruhha sew fil-gestjoni tan-negozju mill-hanut. Dan fuq il-konfessjoni taghha li hi soktat tinteressa ruhha fil-hanut, tattendi fih u taffetwa hlasijiet." B'dana kollu jirrizulta li x-xiri kien jsir minn Jason Briffa u ghalhekk hu wkoll huwa responsabbili ghad-dejn mertu tal-kawza odjerna u dan t-Tribunal ma jistax jifhem kif s-socjetà attrici ma harkitx lilu wkoll jew almenu tablet li hu jissejjah fil-kawza.

Tenut kont l-premess, tal-effetti guruduci tal-kuntratt ta' separazzjoni tal-beni li kien debitament insinwat, tan-natura kummercjali tan-negozju, tal-involviment tal-konvenuta fil-materja, ma jkunx gust u ekwu li l-hi wahedha terfa l-piz kollu u ghalhekk fuq din l-bazi t'ekwita t-Tribunal jidhirlu li hi ghandha tigi mizmuma responsabbili ta' zewg terzi ta' l-ammont mitlub.

Illi ghalhekk t-talba kif dedotta tisthoqq li tigi parzjalment milqugha fl-ammont ta' mitejn Lira Maltija (Lm200) li huma ekwivalenti ghal-erba' mija hamsa u sittin Euro u sebgha u tmenin centezmu (€465.87) pero' m'ghandux jkun hemm temperament fuq l-kap ta' l-ispejjez.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjetà attrici u jikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas is-somma t'erba' mija hamsa u sittin Euro u sebgha u tmenin centezmu (€465.87) bl-interessi mid-data ta' notifika tal-Avviz u bl-ispejjez.

**Av. Peter Borg Costanzi**
**Gudikatur**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------